tagħha ewlenin li bil-pinna tiegħu żejjen ma' sħabu l-paġni tal-letteratura Maltija tal-lum.

* * *

It-tielet ħabib li tilfet il-"Għaqda" tagħna u magħha
l-Għaqda ta' bosta żgħażagħ li fih kellhom Missier tat-Tagħlim
Nisrani u bosta ħbieb oħra huwa s-Sur **RIKARD MIFSUD**
**BONNICI,** wieħed mid-dekani tal-kittieba tal-Malti. Konna
qegħdin inħejju "Il-Malti" għall-istampa meta waslitilna f'daq-
qa waħda l-aħbar tal-mewt tiegħu. Min ma jafux lis-Sur Rikard
sew fil-ħajja soċjali kemm fil-ħajja letterarja? Imnissel minn
razza li dejjem issemmiet għal pinna tajba fil-kitba Maltija,
fosthom, jiddi bħala kewkba, Klement Mifsud Bonnici, ta' żmien
ix-Xirka Xemïa, li kien jikteb fis-"Sebħ", u s-Sur Viċenz Mifsud
Bonnici, wieħed mill-anzjani fost il-membri ewlenin tal-Għaqda,
is-Sur Rikard ma jagħmilx għajb lil niesu ta' qablu u lanqas lill-
oħrajn ta' l-istess ġidd li nibtu warajh u li l-lum qed jirqmu bil-
pinna tagħhom il-kitba Maltija.

Is-Sur Rikard huwa iktarx magħruf bħala prożatur milli bħala poeta Malti. Il-proża tiegħu turi fih kostruzzjoni u frażjoloġija ta' drapp Malti waħdu li qajla ssibha fil-kittieba żgħażagħ tal-lum li, għalkemm għandhom fil-kitba tagħhom il-fond ta' erudizzjoni letterarja ta' ilsna oħra li tiswa ħafna fil-letteratura moderna Maltija, għad iridu jixorbu minn dik il-għajn safja ta' kittieba xjuħ Maltin bħalma kienu, Klement Mifsud Bonnici, Preca, Caruana, Muscat Azzopardi, Temi Zammit, Bellanti u Ċensu Mifsud Bonnici. Dana aħna rajnieh fil-proża ta' Rikard, f'xi novella ċkejkna, f'xi ħrafa, f'xi rumanz, li għadu manuskritt, u fil-ħannieqa ta' frażijiet u idjotiżmi Maltin tiegħu li dehru kemm-il-darba f'"Leħen il-Malti" u f'"Il-Malti" tagħna.

Rikard huwa l-awtur tar-rumanz "Santu Formosa" li f'konkors imniedi mill-Gvern kien wieħed mill-ippremjati; huwa wkoll l-awtur tal-"Mistika", kitba axxetika, maħruġa mill-Għaqda tad-Dutrina u ta' bosta bċejjeċ oħra li huma ġawhriet ta' proża Maltija.

Rikard Mifsud Bonnici kien bniedem ta' ruħ tajba, baqa' għażeb biex igħix ħajja skond il-fehma ta' San Pawl, u l-iktar biex jaqdi iżjed xogħlu ta' bniedem mogħti għall-għożża ta' daru, imħabba lejn għajru u lejn dawk kollha li f'isem Kristu u l-Knisja Tiegħu ħtieġu l-għajnuna morali tiegħu. L-aħħar xogħol tiegħu



li juri fih qalb ta' nisrani, li baqgħet tixgħel għall-Fidi ta' Kristu
sa l-aħħar ta' ħajtu, hija l-"Kristoloġija", ġabra ta' poeżiji fuq
Kristu Nazzarenu li hu kien laħaq stampa sewwa sew tmint ijiem
qabel mewtu u beda jqassam il ħbiebu, iżda ma laħaqx qassmu
kollu. Lilna waslilna l-għada ta' mewtu, b'isimna u bla indi-
rizz, bil-ħsieb li jiktbu l-għada. Iżda l-għada ħabibna tal-qalb
u tal-pinna għalaq għajnejh fis-sliema u l-bewsa ta' Kristu li
għalih kien għex f'din id-dinja, u li bl-għaniet Tiegħu kien
għalaq l-aħħar sigħat ta' ħajtu.

"All'a u Lsienna". Dan kien il-qawl tiegħu, u dawn iż-żewġ kelmiet kienu fl-egħżeż rokna ta' qalbu.

---

## GĦANJIET TA' MĦABBA

### LIL EROS

(*Ta'* LOUIS ELLUL)

Għad jasal fuqna waqt, Eros ta' ħajti,
Meta, qalb waħda, inkunu magħqudin;
'Ma llum li inti hawn u jiena miegħek,
Ejja ninħabbu u ngħożżu lil xulxin.

'L hemmfuq hemm roqgħa ħadra, kollha fjuri
Jitliegħbu u jiżfnu ma' fewġet ir-riħ,
Qed tistedinna biex nixxaħxħu f'nofsha
Nistgħallu l-fwieħa, mgħannqa u mbewsa sħiħ.

Imħattba t-triq li tagħti għal din ir-roqgħa
U x-xewk li fiha kiefer tgħidlix kemm;
'Ma t-tnejn flimkien, min jista' qatt għalina?
Bl-imħabba nibdlu f'daħk il-krib tal-hemm.

Sabiħa l-ħajja, meta tkun taf tgħixha,
Taqsam mas-sieħba s-slaleb tat-tiġrib
U wara dduq mill-għasel ta' l-imħabba
Bil-ħarsa tal-Mulej tgħassek fil-qrib!

Xi ġmiel t'għaxija! X'seħer fih is-sema!
Ħares! Ix-xemx staħbiet wara l-għoljiet,
L-għasafar mitlufin fl-aħħar tpespisa,
Isaltan mal-ħolqien dalwaqt is-skiet!

Tfajla ninħabbu! Nimxu sfiq għall-ħdura!
Nitwaħħdu mat-tektik ta' qlubna t-tnejn,
Ingħixu siegħa hienja f'għaxqa għalina,
Ninsew għal ftit l-imrar ta' dal-jumejn!